TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/79/15/S

Marlon Bondin
Vs
Welcome Auto Dealer Limited

Illum 26 ta'Mejju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Marlon Bondinipprezentata fl-14 t'April,2015 u r-risposta tas-socjeta intimata pprezentata fid-19 ta'Gunju,2015;

Ra d-dokumenti varji pprezentati u r-rapport tal-espert tekniku Mario Buttigieg, sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tal-14 t'April,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda vettura mixtrija 'second-hand' fejn ir-rikorrenti kien mgharraf mis-socjeta venditrici li t-'timing chain' kienet kemm ghadha giet mibdula. Min-naha taghha s-socjeta intimata sostniet li din l-informazzjoni dwar it-'timing chain' kienet inghatat lilha mill-proprjetarju ta'qabel u li l-vettura inbieghet lir-rikorrenti '*tale quale*';

Illi jinghad mal-ewwel li l-ilment fuq it-'timing chain', hi materja teknika u kien ghalhekk li tqabbad l-espert tekniku Mario Buttigieg ghal dan il-ghan;

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert pero dan ir-rapport ma ccarax b'mod definittiv certi punti izda ta indikazzjoni li t-'timing chain' ma kinitx giet mibdula kif kienet allegat is-socjeta intimata qabel bieghet il-vettura lir-rikorrenti;

Illi l-espert tekniku nominat minn dan it-Tribunal stqarr li "*irrizulta illi meta l-vettura giet startjata, l-magna bdiet taghmel hsejjes li ma kienux normali;"*[1]

Illi skont l-espert tekniku, l-bdil tat-'timing chain' hu essenzjali u mhux kapricc ghax jekk dan ma jsirx, jista' jkun hemm hsarat kbar fil-magna tal-vettura;[2]

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger;

Illi fil-fatt il-Qrati taghna ma jistawx jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konkluzjoni ta'tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta u din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat, anki fejn mehtieg mill-lat tekniku[3];

[1] Pagna 3 tar-rapport imhejji mill-espert tekniku Mario Buttigieg
[2] Pagna 4 tar-rapport imhejji mill-espert tekniku Mario Buttigieg
[3] "**Cauchi vs Mercieca**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru,1999 u "**Calleja noe vs Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta'Novembru,2001.

Illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet "**Bugeja et vs Muscat**":

*"...Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta'periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli..."*;

Illi wara li gie pprezentat ir-rapport tal-espert, il-partijiet ma kkontestawx is-sustanza tal-kontenut tieghu;

Illi dan it-Tribunal jishaq li s-socjeta intimata tat informazzjoni zbaljata meta irreklamat il-vettura bhala wahda li kien ghadu kemm inbidlilha t-'timing chain';

Illi gjaladarba s-socjeta intimata kienet se tirreklama l-vettura b'dan il-mod, kellha tivverifika l-veracita taghha u mhux toqghod fuq dak li qalilha l-proprjetarju ta'qabel ta'din il-vettura;

Illi jinghad ukoll li ghalkemm gie imnizzel fil-ftehim ta'bejgh li l-vettura kienet qed tinbiegh 'tale quale', gjaladarba kienet qed tinghata informazzjoni (f'dan il-kaz fuq it-'timing chain'), din kellha tkun veritiera u l-kliem '*tale quale*' ma jezentawx lill-bejjiegh mir-responsabilita tieghu li qed ibiegh dak li hu wieghed u ggarantixxa;

Illi bir-reklamar taghha stess, is-socjeta intimata kienet iggarantixxxiet li t-'timing chain' kienet inbidlet u gjaladarba dan ma kienx minnu, is-socjeta intimata ghandha tkopri l-ispejjez biex dan isir;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Marlon Bondin filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Welcome Auto Dealer Limited u Jordna lis-socjeta Welcome Auto Dealer Limited thallas lil Marlon Bondin is-somma ta' €900, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta Welcome Auto dealer Limited inkluz dawk imhallsa lill-espert tekniku.

Richard Sladden Av.
Arbitru